

madwar jumejn u nofs (59 siegħa) biex qalbu għall-aħjar f'pazjenti li kienu qed jieħdu Alpivab meta mqabbla ma' ftit inqas minn tlett ijiem u nofs (82 siegħa) f'pazjenti li kienu qed jieħdu l-plaċebo.

X'inhuma r-riskji assoċjati ma' Alpivab?

L-effetti sekondarji l-aktar komuni b'Alpivab (li jistgħu jaffettwaw sa madwar 3 persuni minn kull 100) huma tnaqqis fil-livelli ta' newtrofili (tip ta' ċellola bajda tad-demem) u dardir (tħossok ma tiflaħx). Effetti sekondarji serji b'Alpivab huma anafilassi (reazzjoni allerġika severa) u reazzjonijiet fil-ġilda, inklużi eritema multiformi (reazzjoni allerġika fil-ġilda) u s-sindrome ta' Stevens-Johnson (reazzjoni ta' periklu għall-ħajja b'sintomi simili għal dawk tal-influenza u raxx li jikkawża uġiġħ li jaffettwa l-ġilda, il-ħalq, l-għajnejn u l-ġenitali).

Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji u restrizzjonijiet b'Alpivab, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Għaliex Alpivab ġie awtorizzat fl-UE?

Bħala medja, Alpivab inaqas it-tul taż-żmien li s-sintomi jdumu b'ġurnata waħda. Għalkemm din id-differenza mhijiex kbira, din tista' tkun ta' benefiċċju għal xi pazjenti. Hemm riskju ta' reazzjonijiet allerġiċi severi, u għalkemm mhuwiex magħruf eżatt kemm-il darba jsejtni dawn ir-reazzjonijiet, jidher li dawn huma rari. L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ddeċidiet li l-benefiċċji ta' Alpivab huma akbar mir-riskji tiegħu u li jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Alpivab?

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkomandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professionisti fil-qasam tal-kura tas-saħħa u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Alpivab.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Alpivab hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrapportati b'Alpivab huma evallwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tiproteġi lill-pazjenti.

Informazzjoni oħra dwar Alpivab

Aktar informazzjoni dwar Alpivab tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find medicine/Human medicines/European public assessment reports](https://ema.europa.eu/Find/medicine/Human%20medicines/European%20public%20assessment%20reports).